B 2013

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,275, 4 ta' Ottubru, 2019

Taqsima B

A.L. 251 tal-2019

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6 u 75 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2019 li jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Tieni Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "it-Tieni Skeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/1910 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-armonizzazzjoni u simplifikazzjoni ta' ċerti regoli tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2020.

Iżid partita ġdida 17A mat-Tieni Skeda.

2. Minnufih wara il-partita 17 tat-Tieni Skeda għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida 17A kif ġej:

"*Arranġamenti ta'* Call-off stock

17A. (1) It-trasferiment minn persuna taxxabbli ta' merkanzija li tagħmel parti mill-assi tan-negozju tagħha lejn Stat Membru ieħor skont arranġamenti ta' *call-off stock* ma għandux jiġi ttrattat bħala provvista ta' merkanzija bi ħlas.

(2) Għall-finijiet ta' din il-partita, arranġamenti ta' *call-off stock* għandhom jitqiesu bħala li jeżistu meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-merkanzija tintbagħat jew tiġi trasportata minn persuna taxxabbli, jew minn parti terza f'isimha lejn Stat Membru ieħor bl-għan li dik il-merkanzija tiġi pprovduta hemm, fi stadju aktar tard u wara l-wasla tagħha, għand persuna taxxabbli oħra li tkun intitolata li takkwista s-sjieda ta' dik il-merkanzija f'konformità ma' ftehim eżistenti bejn iż-żewġ persuni taxxabbli;

(b) il-persuna taxxabbli li tibgħat jew li tittrasporta l-merkanzija ma tkunx stabilixxiet in-negozju tagħha u lanqas ma jkollha stabbiliment fiss fl-Istat Membru fejn tintbagħat jew tiġi trasportata l-merkanzija;

(ċ) il-persuna taxxabbli li lilha hija intiża biex tiġi fornuta l-merkanzija tkun identifikata għall-finijiet tal-VAT fl-Istat Membru li lejħ tintbagħat jew tiġi trasportata l-merkanzija u kemm l-identità tagħha kif ukoll in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT assenjat lilha minn dak l-Istat Membru jkunu magħrufa mill-persuna taxxabbli msemmija fil-paragrafu (b) fil-ħin li fih tintbagħat jew jibda t-trasport tal-merkanzija;

(d) il-persuna taxxabbli li tibgħat jew li tittrasporta l-merkanzija tirreġistra t-trasferiment tal-merkanzija fir-reġistru previst fil-paragrafu (1)(*k*) tal-partita 1 tal-Ħdax 'il Skeda u tinkludi l-identità tal-persuna taxxabbli li tkun akkwistat il-merkanzija u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT assenjat lilha mill-Istat Membru li lejħ il-merkanzija tintbagħat jew tiġi trasportata fid-dikjarazzjoni rikapitolattiva prevista fl-artikolu 30(3).

(3) Fejn ikunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subpartita (2), ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fil-ħin tat-trasferiment tad-dritt ta' disponiment tal-merkanzija bħala sid lejn il-persuna taxxabbli msemmija fil-paragrafu (ċ) tas-subpartita (2), sakemm it-trasferiment isir fl-iskadenza msemmija fis-subpartita (4):

(a) provvista ta' merkanzija skont il-partita 3(1) tat-Taqsima Wieħed tal-Ħames Skeda għandha titqies li tkun saret mill-persuna taxxabbli li tkun bagħtet jew ittrasportat il-merkanzija waħedha jew inkella permezz ta' parti terza li taġixxi f'isimha fl-Istat Membru li minnu tkun intbagħtet jew tkun ġiet ittrasportata l-merkanzija;

(b) akkwist intra-Komunitarju ta' merkanzija għandu jitqies li jkun sar mill-persuna taxxabbli li lilha tiġi fornuta dik il-merkanzija fl-Istat Membru li lejħ tintbagħat jew tiġi trasportata l-merkanzija.

(4) Jekk, fi żmien tnax (12)-il xahar mill-wasla tal-merkanzija fl-Istat Membru li lejħ tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata, il-merkanzija ma tkunx ġiet fornuta lill-persuna taxxabbli li għaliha tkun intiża, kif imsemmi fil-paragrafu (ċ) tas-subpartita (2) u s-subpartita (6), u ma tkun seħħet l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fis-subpartita (7), trasferiment skont it-tifsira tal-partita 17 għandu jitqies li jsir fil-ġurnata wara dik li fiha jiskadi l-perijodu ta' tnax (12)-il xahar.

(5) L-ebda trasferiment skont it-tifsira tal-partita 17 m'għandu jitqies li jsir meta jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dritt li wieħed jiddisponi mill-merkanzija ma jkunx ġie ttrasferit, u dik il-merkanzija tkun ġiet ritornata lejn l-Istat Membru li minnu tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata, fil-limitu ta' żmien imsemmi fis-subpartita (4); u

(b) il-persuna taxxabbli li tkun bagħtet jew ittrasportat il-merkanzija tirreġistra r-ritorn tagħha fir-reġistru previst fil-paragrafu (1)(*k*) tal-partita 1 tal-Ħdax-il Skeda.

(6) Meta, fil-perijodu msemmi fis-subpartita (4), il-persuna taxxabbli msemmija fil-paragrafu (ċ) tal-tas-subpartita (2) tkun ġiet sostitwita minn persuna taxxabbli oħra, m'għandu jitqies li jsir ebda trasferiment skont it-tifsira tal-partita 17 fil-ħin tas-sostituzzjoni, dment li:

(a) jintlaħqu l-kondizzjonijiet l-oħrajn kollha applikabbli fis-subpartita (2); u

(b) is-sostituzzjoni tkun irreġistrata mill-persuna taxxabbli msemmija fil-paragrafu (b) tas-subpartita (2) fir-reġistru previst fil-paragrafu (1)(*k*) tal-partita 1 tal-Ħdax-il Skeda.

(7) Meta, fil-limitu ta' żmien imsemmi fis-subpartita (4), kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet stipulati fis-subpartiti (2) u (6) ma tibqax sodisfatta, trasferiment tal-merkanzija skont il-partita 17 għandu jitqies li jsir fil-ħin li fih ma tibqax sodisfatta l-kondizzjoni relevanti.

Jekk il-merkanzija tiġi fornuta lil persuna oħra li ma tkunx il-persuna taxxabbli msemmija fil-paragrafu (ċ) tas-subpartita (2) jew fis-subpartita (6), għandu jitqies li l-kondizzjonijiet stipulati fis-subpartiti (2) u (6) ma jibqgħux sodisfatti immedjatament qabel din il-provvista.

Jekk il-merkanzija tkun intbagħtet jew ġiet ittrasportata lejn pajjiż ieħor li ma jkunx l-Istat Membru li minnu tkun iċċaqilqet inizjalment, għandu jitqies li l-kondizzjonijiet stipulati fis-subpartiti (2) u (6) ma jibqgħux sodisfatti immedjatament qabel tibda tintbagħat jew jibda t-trasport ta' tali merkanzija.

Fil-każ li tinqered, tintilef jew tinsteraq il-merkanzija, għandu jitqies li l-kondizzjonijiet stipulati fis-subpartiti (2) u (6) ma jibqgħux sodisfatti fid-data li fiha l-merkanzija tkun fil-fatt tneħħiet jew inqerdet, jew, jekk ikun impossibbli li tiġi determinata tali data, fid-data li fiha jkun instab li l-merkanzija nqerdet jew ġiet nieqsa.".